# Is-Sondaġġ

It-tieni edizzjoni

8 ta' Frar 2025

Prof. Vincent Marmarà

## L-INDEĊIŻI HUMA FORZA B'SAĦĦITHA

**22% jwieġbu li ma jafux lil min ser jivvutaw jekk issir elezzjoni ġenerali għada**

Fl-ewwel stħarriġ tal-opinjoni pubblika tal-istatistiku Prof. Vincent Marmarà għal din is-sena, jindika li f'każ ta' elezzjoni ġenerali għada, għad hemm faxxa b'saħħitha mill-elettorat li qed tgħid li hija indeċiża kif ser tivvota.

Ir-riżultati tal-istħarriġ li sar fl-aħħar jiem mhux juru li hemm shifts kbar bejn il-partiti ewlenin iżda x-xejra ta' dawk li għadhom josservaw mill-bogħod mingħajr ma jikkommettu ruħhom lil min ser jivvutaw baqgħet konsistenti u b'saħħitha.

B'kuntrast mar-riżultatat tas-survey li sar f'Ottubru tas-sena li għaddiet, il-Partit Laburista reġa' beda jgawdi l-maġġornaza assoluta, waqt li l-mexxej tal-Partit Laburista Robert Abela għandu l-appoġġ ta' ftit iktar minn 13% fuq il-Kap Nazzjonalista Bernard Grech.

## L-INDEĊIŻI MISTENNIJA JIDDEĊIEDU L-ELEZZJONI LI JMISS

### Faxxa mdaqqsa ta' votanti Labursiti jgħidu li ma jridux jivvutaw

Survey politiku ġdid li sar mill-Professur Vincent Marmarà baqa' jindika li faxxa kbira tal-elettorat, kważi wieħed minn kull erbgħa -qed jgħidu li huma indeċiżi lil min ser jivvutaw jekk issir elezzjoni għada.

Dan is-survey, l-ewwel wieħed għal din is-sena u fuq l-għatba tat-tielet sena tat-tielet leġiżlatura ta' Gvern Laburista, juri kif 38.5% qed iwieġbu li jivvutaw lill-Partit Laburista, waqt li 34.8% jivvutaw lill-Partit Nazzjonalista. 21.8% wieġbu li ma jafux, 2.5% wieġbu ADPD u partiti oħrajn irreġistraw appoġġ ta' 2.4%.




"Dawk li wieġbu ma nafx qed nagħżel li nħallihom jidhru parti minn din il-grafika li qed tihder f'dan ir-rapport biex nifhmu aħjar kemm huwa kbir l-element ta' nies li huma indeċiżi x'ser jagħmlu bil-vot tagħhom. Din ix-xejra ilha tippersisti għal dawn l-aħħar xhur b'din il-parti tal-elettorat ser ikollhom sehem determinanti fir-riżultat tal-elezzjoni." L-istatistiku nnota li din il-faxxa tal-poplu hija "forza b'saħħitha" li fis-silenzju tagħha qed tirrappreżenta sentiment konsistenti u b'saħħtu fost il-poplu. Jinnota wkoll li hemm faxxa oħra kbira li qed tgħid li ma tridx tivvota.




### L-ebda shifts kbar bejn il-partiti

Xejra oħra konsistenti li għal darb'oħra qed tiġi nnutata f'dan is-survey hija li l-votanti li 72.2% li vvutaw lill-Partit Laburista fl-Elezzjoni Ġenerali tal-2022, qed jgħidu li ser jerġgħu jivvutaw mill-ġdid lill-partit fil-gvern, waqt li 1.5% issa jagħżlu lill-PN.

Madwar 12.1% qalu li huma indeċiżi x'ser jagħmlu bil-vot tagħhom, u 12.9% qed jgħidu li ma jivvutawx. 1.3% qalu li jivvutaw lill-ADPD jew partiti oħrajn.

Mill-banda l-oħra, 80.5% tal-votant Nazzjonalista jerġa' jivvota l-istess partit; 1.0% qalu li jivvutaw lill-ADPD jew partiti oħra, u 0.4% lill-Partit Laburista. 11.9% qalu li huma indeċiżi , waqt li 6.2% qed jgħidu li ma joħorġux jivvutaw.

Li kieku kellha tissejjaħ elezzjoni ġenerali għada liema partit tivvota? (Votanti PN 2022)




Li kieku kellha tissejjaħ elezzjoni ġenerali għada liema partit tivvota?




Meta wieħed japplika l-mudelli xjentifiċi, id-distakk bħalissa bejn iż-żewġ partiti huwa ta' 5.9% favur il-Partit Laburista. Biċ-ċaqliq ta' voti minn partit għall-ieħor huwa minimu, numru sostanzjali ta' votanti qed jistqarru li mhux ser jivvutaw bl-akbar ammont minn dawn ġejjin mill-kamp Laburista.

Meta applikata l-Multiple Imputation Technique, jirriżulta li r-riżultat f'każ ta' elezzjoni ġenerali juri li l-Partit Laburista għandu maġġoranza assoluta ta' 50.1%, il-Partit Nazzjonalista jikseb 44.2%, l-ADPD 3.0% u oħrajn 2.7%. Marmarà jinnota li jekk wieħed jassumi li l-voti validi bħalissa huma ta' 75%, f'każ ta' elezzjoni ġenerali d-distakk ikun ta' madwar 15,800 vot favur il-Partit Laburista.

Meta mqabbel mal-elezzjoni ġenerali tal-2022, is-survey juri li l-Partit Laburista jirreġistra tnaqqis ta' 5.0%, il-Partit Nazzjonalista jżid 2.5%, u l-ADPD u partiti oħrajn irreġistraw żieda wkoll ta' 2.5%.

Li kieku kellha tissejjaħ elezzjoni ġenerali għada lil min tivvota?



## Il-mexxej Laburista b'13.2% appoġġ fuq il-kap Nazzjonalista

Meta applikat il-metodu xjentifiku tal-Multiple Imputation Technique, il-mexxej Laburista Robert Abela għandu l-appoġġ ta' 37.8%, 24.6% qalu li jafdaw lil Bernard Grech, 17.6% wieġbu li ma jafdaw lil ħadd, 12.4% jagħżlu mexxejja oħra u 7.6% wieġbu li huma indeċiżi.

Liema mexxej politiku tippreferi biex ikun il-Prim Ministru ta' Malta?




Liema mexxej politiku tippreferi biex ikun il-Prim Ministru ta' Malta? (Votanti PL 2022)




Fost il-votanti li vvutaw lill-Partit Laburista fl-Elezzjoni Ġenerali tal-2022, 76.1% qalu li jafdaw l-aktar lil Robert Abela, 2.1% wieġbu Bernard Grech, 11.3% wieġbu oħrajn, 5.8% huma indeċiżi, 4.6% qalu li ma jafdaw lil ħadd.

Fost il-votanti li vvutaw lill-Partit Nazzjonalista fl-Elezzjoni Ġenerali tal-2022, 63.5% qalu li jafdaw lil Bernard Grech, 1.2% qalu li Robert Abela, 12.9% wieġbu oħrajn, 5.3% qalu li ma jafux, 17.1% qalu li ma jafdaw lil ħadd.

Liema mexxej politiku tippreferi biex ikun il-Prim Ministru ta' Malta? (Votanti PN 2022)



**Lenti fuq l-indeċiżi u dawk li qed jgħidu li mhux ser jivvutaw**

L-istatistiku Marmarà jgħid li "kważi wieħed jista' jikkonsidra n-nies li ma jridux jivvutaw bħala sentiment b'saħħtu fost il-popolazzjoni. Din il-kategorijja tal-poplu hija wahda b'saħħitha u kkonsolidat sew. Fost dawk in-nies li huma indeċiżi għandek ħafna minnhom li qegħdin josservaw x'ser jiġri mill-partiti, x'ser jipproponu u x'direzzjoni ser jagħtu. Meta tasal elezzjoni ġenerali jkollok ħafna minnhom li jiddeċiedu dwar x'jagħmlu bil-vot tagħhom. Interessanti li wieħed jinnota li s'issa ħafna nies mhux qed jaqsmu minn partit għall-ieħor. Ħafna minn dawn in-nies mhux qegħdin jispirawhom iż-żewġ partiti, mhux qegħdin jaraw li qed ituhom id-direzzjoni jew mhux qed jilħqu l-aspetattivi tagħhom. Kif rajna fis-survey tal-Istat tan-Nazzjon tas-sena l-oħra, għandek ħafna minn dawn in-nies li tilfu l-interess fil-politika, jew mhux iħossuhom ispirati mill-partiti. Dan kollu bħalissa qed isarraf f'nuqqas ta' interess qawwi li dawn in-nies jassoċjaw lilhom infushom ma' partit politiku."

Kompla jinnota li hemm grupp ta' nies li qed jgħidu li ma jridux jivvutaw. "Minn dawn, il-Partit Laburista għandu ferm aktar minnhom u b'hekk id-distakk bejn il-partiti naqas b'mod sostanzjali. Dawn bħalissa jippreferu jgħidu li mhux ser jivvutaw milli jeqilbu l-vot tagħhom għal Partit Nazzjonalista. Fost dan il-grupp ħafna minnhom jew tilfu l-interess fil-politika, jew il-Partiti mhux jindirizzaw l-ħsibijiet u l-aspettativi tagħhom. Fost dawn in-nies, l-akbar inkwiet tagħhom huwa l-barranin u l-over-population tal-pajjiż, il-kostruzzjoni, it-traffiku u l-ambjent."

L-istatistiku jirrimarka li meta wieħed jqabbel dan is-sondaġġ ma' dak t'Ottubru li għadda wieħed jista' jikkonkludi li ċ-ċaqliq huwa wieħed marġinali, infatti jaqa' fil-margin of error stess ta' dan is-survey.

**Metedoloġija**

Ir-riżultati ta' dan l-istħarriġ li sar bejn l-1 u s-6 ta' Frar 2025, huma bbażati fuq il-Multiple Imputation Technique – mudell xjentifiku applikat fuq dawk li rrifjutaw li jwieġbu jew qalu li huma indeċiżi u minflokhom isib replacement xjentifiku. L-istħrarriġ, li sar permezz tat-telephone/mobile b'mod rappreżentattiv fost il-poplu Malti fir-rigward tad-demografija l-iktar importanti (etajiet, distretti u sess), sar b'kampjun ta' 1,200 persuna fost dawk li għandhom 16-il sena 'l fuq u għandu confidence level ta' 95%. Il-marġini ta' żball b'mod massimu f'dan l-istħarriġ huwa ta' +/-2.8%..

**L-istatistiku Prof. Vincent Marmarà**
B.Sc (Hons.)(Melit.) M.Sc (Sheff.) Statistics, Ph.D(Stir). FRSS, KLJ

Il-Professur Vincent Marmarà huwa statisitku u riċerkatur bi professjoni. Huwa kiseb l-ewwel grad tiegħu fl-Istatistika, Riċerka Operattiva u Matematika mill-Università ta' Malta. Aktar tard avvanza l-istudji tiegħu billi kiseb Masters of Science fl-Istatistika mill-Università ta' Sheffield fir-Renju Unit. Wara kiseb id-Dottorat tiegħu fil-Matematika (Statistika) mill-Università ta' Stirling, l-Iskozja, fejn speċjalizza fuq l-istudju relatat mal-epidemoloġija. F'dawn l-aħħar 18-il sena huwa kien fdat b'diversi proġetti ta' riċerka kemm fuq livell nazzjonali kif ukoll internazzjonali. Huwa mexxa gruppi ta' riċekra u analizza data xjentifika ta' livelli għolja. Prof. Marmarà huwa Professur Assoċjat fil-Fakultà tal-FEMA, fl-Università ta' Malta, u huwa affiljat mar-Royal Statistical Society tar-Renju Unit. Marmarà ilu jippubblika stħarriġ tal-opinjoni pubblika għal dawn l-aħħar snin, u magħruf għall-preċiżjoni tiegħu fihom.